# Is-Sittax-il Lezzjoni: Ċelebrazzjoni: Quddiem id-Duluri

- Id-devozzjoni lejn id-Duluri f'Malta, tiġbed eluf u eluf ta' nies. F'din iċ-ċelebrazzjoni rridu nħossu tisħib ma' Marija fit-tbatija li tifdi u li tagħmilna nixbhu aktar lil Ġesu'.
- Għalkemm il-Madonna kienet il-magħżula minn Alla, dik li kellha titwieled mingħajr dnub tan-nisel, xorta waħda kellha tbati ħafna minħabba l-imħabba kbira li kellha lejn binha Ġesu'. Hija ġarrbet ħafna tbatija speċjalment waqt il-passjoni tiegħu. Permezz ta' din it-tbatija, lilna l-Madonna żgur li tifhimna u tgħinna meta nitolbuha l-għajnuna li jkollna bżonn meta nkunu fid-diffikulta`.
- Min-naħa tagħna, aħna wkoll irridu nagħtuha xi ħaġa. Irridu nwegħduha li mhux biss ma noffendux lil binha bl-għemil tagħna, imma nfittxu li nilqgħuh u nagħmlu dak li jgħidilna.
- Iċ-ċelebrazzjoni tad-Duluri tfakkarna f'dawk kollha li qed ibatu f'din id-dinja.
- Is-seba' Duluri tal-Madonna kienu:
  - Meta b'Ġesu' tarbija kellhom jaħarbu lejn l-Eġittu ħalli Erodi ma jsibux u joqtlu;
  - Meta l-profeta Xmuni ħabbar lil Marija "Sejf għad jinfidlek qalbek!"
  - Meta titlef lil Ġesu' tfajjel ċkejken u mbagħad issibu wara tlitt ijiem jippriedka fit-tempju;
  - Meta tiltaqa' ma' Ġesu' fuq il-għolja tal-Kalvarju;
  - Meta tkun taħt is-salib tara lil binha jmut;
  - Meta jpoġġulha lil binha Ġesu' mejjet fi ħdanha;
  - Meta tara lil binha jindifen f'qabar ġdid.
- F'din il-lezzjoni niltaqgħu ukoll ma' parti mir-rakkont tal-passjoni li jinqara fil-festa ta' Ħadd il-Palm.

- Fl-ewwel parti naraw il-figura tal-Madonna fejn Ġesu' jagħmilha Ommna lkoll minn fuq is-salib meta lil Ġwanni jgħidlu: *Hawn hi ommok* u lilha jgħidilha: *Hawn hu Ibnek*. Hawnhekk id-dixxiplu qed jirrapreżenta lill-insara kollha.
- Fit-tieni taqsima niftakru fit-tbatija tal-Madonna u nitolbuha żżomm idejha fuqna lkoll.